MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-7 ta' Awwissu, 2013

Appell Civili Numru. 125/2013/1

**Fl-atti tal-Mandat ta’ Sekwestru Ezekuttiv numru 154/2013 fl-ismijiet:**

**Rita Galea**

**v.**

**Gordon Mayo**

## Preliminari

**1.** Dan hu appell minn provvediment moghti mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta’ Mejju 2013 li permezz tieghu dik il-Qorti cahdet it-talba tar-rikorrent Gordon Mayo ghat-

thassir tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv numru 154/2013 fl-ismijiet premessi.

**2.** Minn naha taghha l-intimata Rita Galea talbet li l-appell jigi michud, ghar-ragunijiet indikati minnha fir-risposta taghha.

**Fatti**

**3.** Illi fil-21 ta' Lulju 1999 il-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali li permezz tieghu ftehemu, *inter alia*, li r-rikorrent jissoministra manteniment lill-intimata fl-ammont ta' mija u sittax-il Liri Maltin (Lm116) fil-gimgha, u li din ir-rata tigi awmentata kull sena *"skond iz-zidied moghtija mill-Gvern ghall-gholi tal-hajja"* [Klawsola nru 3]. Ftehmu wkoll li r-rikorrent ihallas lill-intimata s-somma ta' elfejn u mitejn Liri Maltin (Lm2,200) illum hamest elef, mija u sitta u ghoxrin Euro (€5,126) *"restitwibbli fi zmien tlett [3] snin millum, minghajr imghax ghas-saldu ta' sehemha mill-bonds, stocks u ishma. Fin-nuqqas jibda jiddekorri l-imghax fuq l-istess bir-rata legali."* [Klawsola nru.4[d]].

**4.** Illi permezz ta' ittra ufficjali datata 14 ta' Ottubru 2011, u notifikata lir-rikorrent fl-24 ta' Ottubru 2011, l-intimata, filwaqt li ddikjarat li kienet qed tirrendi ezegwibbli l-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejniethom, interpellat lir-rikorrent sabiex dan jottempera ruhu mal-kuntratt *"in kwantu ghal pagament ta' zieda u awment ta' manteniment minnek pagabbli, kif ukoll ghal hlas tas-somma ta' €5,124 oltre imghaxijiet skond l-artikolu 4[d] tal-istess kuntratt."*

**5.** Illi fl-1 ta' Novembru 2011 l-intimata talbet u ottjeniet il-hrug ta' mandat ta' sekwestru bin-numru 1505/2011 fl-ammont ta' disgha u ghoxrin elf, seba' mija u tmenin Euro (€29,780) rapprezentanti: erbgha u ghoxrin elf, sitt mija, hamsa u hamsin Euro u sebgha u sebghin centezmi (€24,655.77) zieda ta' mantentiment skont l-gholi tal-hajja kif pattwit bejn il-partijiet u skont prospett anness mar-rikors bhala Dok.A; u hamest elef, mija, erbgha u ghoxrin Euro u tnejn u sittin centezmi (€5,124.62) ammont dovut skont l-istess kuntratt, li r-rikorrent baqa' ma hallasx. Il-

prospett A anness mal-mandat jindika r-rati ta' inflazzjoni mis-sena 1999 sas-sena 2010 li skont l-intimata jwasslu ghal total tas-somma fuq indikata ta' erbgha u ghoxrin elf, sitt mija, hamsa u hamsin Euro u sebgha u sebghin centezmi (€24,655.77).

**6.** Jidher li dan ir-rikors ma giex segwit mill-partijiet, tant li fl-1 ta' Dicembru 2011 il-Qorti ghamlet is-segwenti osservazzjoni: *"Huwa evidenti li almenu sallum jidher li kulhadd kuntent bis-sitwazzjoni kif inhi.".* Ghalhekk ma nghata ebda provvediment ulterjuri, u l-mandat rikjest baqa' ma harigx.

**7.** Illi fis-26 ta' Novembru 2012 ir-rikorrent b'risposta ghall-ittra ufficjali mibghuta mill-intimata fid-19 ta' Novembru 2012 [li mhijiex esebita fl-atti] iddikjara li jirrespingi l-pretenzjonijiet tal-intimata, kemm in bazi ghall-preskrizzjoni kwinkwennali fit-termini tal-Artikolu 2156[b] tal-Kap. 16, kif ukoll ghax, skont hu, *"m'ghandu jhallsek xejn."*

**8.** Fl-1 ta' Frar 2013 l-intimata talbet u ottjeniet il-hrug ta' mandat ta' sekwestru numru 154/2013, fl-ammont ta' erbatax-il elf, mija u hamsa u ebrghin Euro u sittin centezmi (€14,145.60) rapprezentanti "ammont dovut skont prospett anness Dok.A rapprezentanti zidiet skont il-COLA mis-sena 2000 sas-sena 2012", flimkien mal-imsemmija somma ta' hamest elef, mija u erbgha u ghoxrin Euro u tnejn u sittin centezmi (€5,124.62) skont il-klawsola 4[d] tal-kuntratt kif fuq indikat.

**9.** B'rikors prezentat fis-7 ta' Frar 2013, ir-rikorrent talab ir-revoka tal-imsemmi mandat numru 154/2013, u wara risposta prezentata mill-intimata, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili tat il-provvediment meritu tal-appell odjern.

**<u>Vertenzi</u>**

**10.** Illi r-rikorrent ibbaza t-talba tieghu ghar-revoka tal-mandat 154/2013, fuq is-segwenti konsiderazzjonijiet:

[1] li l-kuntratt ta’ separazzjoni bejn il-kontendenti m’huwiex wiehed mit-titoli ezekuttivi elenkati fl-Artikolu 253 tal-Kap.12;

[2] li gja` kien gie intavolat mandat ta’ sekwestru ezekuttiv [1505/2011] li ghadu pendenti, stante li l-intimata ma segwietux;

[3] li hemm diskrepanzi kbar bejn l-ammont reklamat fil-mandat 1505/2011 u l-ammont rikjest fil-mandat *de quo* [154/2013]; u li ghalhekk d-debitu reklamat ma jistax jitqies bhala wiehed cert, likwidu u dovut fit-termini tal-Artikolu 253[b] tal-Kap.12;

[4] li l-ammont reklamat fil-maggjor parti tieghu huwa kolpit bil-preskrizzjoni ta’ hames (5) snin;

[5] li gjaladarba ghaddew aktar minn tliet (3) snin mid-data tal-kuntratt ta’ separazzjoni, l-intimata kellha tintavola rikors biex iggedded it-titolu ezekuttiv skont l-Artikolu 258[c] tal-Kap.12

Min-naha taghha l-intimata rribattiet bis-segwenti konsiderazzjonijiet:

[a] li l-kuntratt ta’ separazzjoni jikkwalifika bhala titolu ezekuttiv skont l-Artikolu 253 tal-Kap.12, u li l-ammont pretiz huwa zieda tal-manteniment skont l-gholi tal-hajja kif indikata fil-COLA skont l-istess kuntratt;

[b] li l-manteniment miftiehem fil-kuntratt ma jirrikjedix tigdid kull tliet (3) snin u l-ittra ufficjali kienet bizzejjed biex tissodisfa l-vot tal-Artikolu 256[2] Kap.12;

[c] li skont l-Artikolu 2123[a] tal-Kap.16 ma tiddikorrix preskrizzjoni bejn il-mizzewwgin; semmai l-preskrizzjoni kienet giet interrotta bl-ittri ufficjali tat-22 ta’ Settembru 2005 u l-14 ta’ Ottubru 2011;

[d] li kif ammess mir-rikorrent stess, “ma sar l-ebda pagament akkont tal-ammonti” pretizi minn Rita Galea, wara l-hrug tal-ewwel mandat [1505/2011]

**Il-Provvediment tal-ewwel Qorti**

**11.** L-ewwel Qorti, wara li ccitat kazistika, ikkonkludiet li l-mandat inkwistjoni ghadu fis-sehh gjaldarba ma harigx minn Qorti zbaljata u ma rrizutalx li fih difett fil-forma tieghu skont l-Artikolu 274 tal-Kap.12. Inoltre, iccitat bran mill-kawza fl-ismijiet **Victoria Camilleri pro et noe v. Mahmoud Faraj Abdul sive Joseph Kareem** moghtija fid-9 ta’ Dicembru 2002 fejn gie osservat li f’kazijiet fejn l-alimenti huma dovuti b’konvenzjoni, u allura *jure actionis,* huma applikabbli ghalihom r-regoli tal-kuntratti, u ghalhekk *“il-konvenut, qua debitur ta’ l-alimenti jibqa’ dejjem obbligat mill-gurnata tal-konvenzjoni u l-arretrati jibqghu ezigibbli minghajr il-htiega li l-kreditrici [il-mara] jew kredituri [l-ulied] jirrikorru lil Qorti b’talba ghall-awtorizzazzjoni that l-Artikolu 258 tal-Kap.12”.*

**L-Appell**

**12.** Ir-rikorrent ressaq tliet (3) aggravji, u cioe` [1] li l-intimata ma kellha ebda titolu ezekuttiv li abbazi tieghu setghet titlob u tottjeni l-hrug ta’ mandat ezekuttiv; [2] li ma mxietx skont id-dispost tal-Artikolu 258[c] tal-Kap.12; [3] li hija zbaljata t-tezi li mxiet fuqha l-ewwel Qorti, li l-Artikolu 281 tal-Kap.12 jista’ jigi nvokat biss meta l-att ezekuttiv ikun hareg minn qorti zbaljata jew jekk jirrizulta xi difett fil-forma skont ir-rekwiziti tal-Artikolu 274 tal-istess Kap.

*L-ewwel u t-tielet aggravji*

**13.** L-ewwel aggravju hu fis-sens li l-mandat ta’ sekwestru nru.154/13 inhareg fuq titolu ezekuttiv li ma jezistix, stante li l-kuntratt tas-separazzjoni mhuwiex wiehed mit-titoli ezekuttivi elenkati fl-Artikolu 253 tal-Kap.12 u, b’referenza ghall-paragrafu [b] ta’ dan l-artikolu, l-kuntratt ma jindikax dejn li hu “cert, likwidu u dovut”. Jghid li tant hu ncert il-kreditu riklamat mill-intimata li l-ammont mitlub bhala awment fil-manteniment ivarja nspjegabbilment fiz-zewg mandati ottenuti mill-intimata. Hekk fl-ewwel mandat, dak numru 1501/11 is-somma pretiza bhala awment hija dik ta’ erbgha u ghoxrin elf, sitt

mija, hamsa u hamsin Euro u sebgha u sebghin centezmi (€24,655.77), filwaqt li fit-tieni mandat is-somma pretiza bhala awment fil-manteniment u ghall-istess perjodu hija ta’ erbatax-il elf, mija, hamsa u erbghin Euro u sittin centezmi (€14,145.60). Ghalhekk zgur li l-ammont pretiz fil-mandat odjern, apparti milli hu kontestat mir-rikorrent, m’huwiex cert, ghax lanqas l-istess intimata m’hi certa minnu.

**14.** Ir-rikorrent jghid ukoll li l-awment fil-manteniment li hu obbliga ruhu li jhallas lill-intimata fil-kuntratt ta’ separazzjoni ma jistax ikun cert ghax skont il-kuntratt l-awment jiddependi *“skond iz-zidied moghtija mill-Gvern ghall-gholi tal-hajja”.*

**15.** Min-naha taghha l-intimata ssostni li d-dejn huwa cert ghax ir-rata tal-manteniment hija stipulata fil-kuntratt, kemm ghal dak li huwa ammont, kif ukoll ghal dak li huwa skadenza. Rigward, l-awment tghid li anke dan huwa cert, stante li ttiehed bhala kriterju z-zidied annwali moghtija mill-Gvern ghall-gholi tal-hajja, u ghalhekk skont l-indici ufficjali tal-Gvern, maghruf bhala COLA. Dan gie indikat minnha fil-prospett anness mar-rikors li bih talbet il-hrug tal-mandat.

**16.** Qabel xejn din il-Qorti tosserva li dak li qed jitlob ir-rikorrent huwa t-thassir tal-mandat ezekuttiv u mhux it-thassir tal-ezekuzzjoni tieghu. Il-gurisprudena interpretattiva ssenjalat d-distinzjoni fil-ligi procedurali bejn it-titolu ezekuttiv u l-ezekuzzjoni tal-istess titolu. Ukoll taghmel id-distinzjoni bejn it-talba li tattakka s-siwi tal-Mandat, u t-talba li tattakka l-ezekuzzjoni taghha. Ghal tal-ewwel tapplika d-dispozizzjoni specjali kontenuta fl-Artikolu 281 tal-Kap.12, filwaqt li ghal tal-ahhar ghandha tigi uzata l-proceduri ordinarja tar-rikors mahluf [ara App.C **Nobbli Mario Galea Testaferrata noe v. Maria armla ta’ John Borg** – deciz 4 Marzu 1993; App.C. **Victor Fenech et v. Anthony Fountain** – deciz 30 Novembru 2012].

**17.** Fil-kaz odjern ir-rikorrent qed jattakka t-titolu ezekuttiv pretiz mill-intimata, kemm ghax l-ammont taz-zieda fil-manteniment mhuwiex specifikat, kif ukoll ghax l-

awment, inkwantu jirreferi ghall-futur, jiddependi fuq kriterju ncert. Ghalhekk f'dan ir-rigward il-kuntratt ma jistax jikkwalifika bhala titolu ezekuttiv fit-termini tal-Artikolu 253[b].

**18.** Il-Qorti tosserva li, fir-rigward tal-awment fil-manteniment skont iz-zidied moghtija mill-Gvern, il-kuntratt tas-separazzjoni ma jistax, fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, jitqies bhala bazi valida ghall-hrug ta' mandat ezekuttiv, kemm ghax hemm kontestazzjoni da parti tar-rikorrent fir-rigward, kif ukoll, u b'aktar emfazi, ghax kif uriet l-istess intimata, il-figura totali pretiza minnha hija ncerta, tant li fiz-zewg mandati hemm avarija sostanzjali minghajr ma nghatat spjegazzjoni plawsibbli mill-appellata.

**19.** Ghalhekk, relattivament ghas-somma ta' erbatax-il elf, mija, hamsa u erbghin Euro u sittin centezmi (€14,145.60), din il-Qorti ma tistax taqbel mal-konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti li l-mandat ghandu jibqa' fis-sehh. Dan, peress li hemm raguni valida ghaliex ghandu jithassar, u cioe` l-inezistenza tat-titolu ezekuttiv li fuqu nhareg il-mandat *de quo*.

**20.** Ghaldaqstant dan l-ewwel aggravju qed jigi milqugh limitatament ghas-somma fuq indikata li tirrapprezenta l-awment tal-manteniment pretiz. Ghalhekk dwar dan l-ammont mhux il-kaz li jigu kkunsidrati z-zewg aggravji l-ohra.

*It-tieni aggravju*

**21.** In vista tal-konsiderazzjonijiet premessi, u ghall-konkluzjoni raggunta fir-rigward tal-ammont ta' erbatax-il elf, mija, hamsa u erbghin Euro u sittin centezmi (€14,145.60), it-tieni aggravju jirrigwarda biss is-somma ta' hamest elef, mija, erbgha u ghoxrin Euro u tnejn u sittin centezmi (€5,124.62). Dan l-aggravju hu msejjes fuq id-dispost tal-Artikolu 258 tal-Kap.12 li, fil-parti relevanti tieghu, jaqra hekk:

**"258.** Wara -

“ - - Omississ - -

“(*ċ*) l-għeluq ta’ tliet snin minn dak in-nhar li fih skont illiġi it-titolu esekuttiv imsemmi fil-paragrafi (*b*) u (*e*) tal-artikolu 253, jew rigward il-proċeduri meħudin skont l-artikolu 166A seta’ ġie esegwit, l-esekuzzjoni tista’ ssir biss wara talba magħmula b’rikors quddiem il-qorti kompetenti. Ir-rikorrent għandu wkoll jikkonferma bilġurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex lesekuzzjoni tagħha, u li d-dejn jew parti minnu jkun għadu dovut.”[1]

**22.** Rigward dan l-ammont ta’ hamest elef, mija, erbgha u ghoxrin Euro u tnejn u sittin centezmi (€5,124.62), il-xenarju legali huwa differenti minn dak li jirrigwarda l-ammont ta’ erbatax-il elf, mija, hamsa u erbghin Euro u sittin centezmi (€14,145.60), ghax din is-somma tinsab espressament indikata fil-kuntratt u l-obbligu tal-hlas taghha da parti tar-rikorrent johrog mill-att stess. Ghalhekk inkwantu ghal dan id-debitu, il-kuntratt tas-separazzjoni *de quo* jikkostitwixxi att ezekuttiv, stante li jirrigwarda dejn li hu cert, likwidu u dovut fit-termini tal-Artikolu 253[b] fuq citat, u bhala tali huwa dovut wara tliet (3) snin mid-data tal-kuntratt stess kif pattwit bejn il-partijiet.

**23.** Izda dan l-aggravju jirrigwarda l-materja tal-ezekuzzjoni tal-mandat, u mhux il-mandat innifsu. Fi kliem iehor, it-titolu ezekuttiv johrog mill-kuntratt tas-separazzjoni, l-ammont huwa dovut gheluq it-tliet (3) snin mid-data tal-kuntratt, u l-ezekuzzjoni tieghu, li bdiet permezz tal-ittra ufficjali prezentata mill-intimata, hija ghalhekk soggetta ghad-dispost tal-Artikolu 258.

**24.** Ghalhekk dan l-aggravju, fid-dawl tat-talba maghmula mir-rikorrent fir-rikors tieghu, li hija limitata ghat-thassir tal-mandat, huwa nfondat.

**Decide**

[1] Sottolinear tal-Qorti

Ghaldaqstant il-Qorti tilqa' l-appell tar-rikorrent limitatament kif ser jinghad: billi tirrevoka l-provvediment appellat limitatament ghas-somma ta' erbatax-il elf, mija, hamsa u erbghin Euro u sittin centezmi (€14,145.60), u tirrevoka il-mandat ezekuttiv numru ~~145/13~~[*] 154/13 limitatament ghal din is-somma; filwaqt li tikkonfermah fir-rigward tal-ammont ta' hamest elef, mija, erbgha u ghoxrin Euro u tnejn u sittin centezmi (€5,124.62).

L-ispejjez ikunu a karigu taz-zewg partijiet fi kwoti ugwali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[*] korrezzjoni awtorizzata b'digriet tal-4 ta' Ottubru, 2013